MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## GEOFFREY VALENZIA

Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2004

Citazzjoni Numru. 1900/1999/1

**Rached Armaoui**

**Vs**

**Polidano Bros. Ltd.**

**Il-Qorti.**

**Preliminari**

Rat **l-att tac-citazzjoni** li permezz taghha l-attur ippremetta illi huwa kien impjegat mas-socjeta' konvenuta bhala 'labourer';

Peress illi fit-28 t'Awissu, 1997 l-attur kien involut f'incident fuq il-post tax-xoghol waqt li huwa kien qieghed jahdem fuq magna li tghawweg il-hadid;

Peress illi kawza ta’ dan l-incident l-attur sofra debilita permanenti f’subghajn ta’ idejh ix-xellugija;

Peress illi kawza ta’ dan l-incident l-attur sofra danni ngenti kemm in linea ta’ ‘lucrum cessans’ kif ukoll ta’ ‘damnum emergens’;

Peress illi di fatti l-impjieg ta’ l-attur gie terminat mis-socjeta’ konvenuta stante illi l-attur ma setghax ikompli jaghmel ix-xoghol manwali li huwa kien jaghmel qabel;

Peress ili dan l-incident sehh unikament minhabba negligenza, nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti dwar is-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol u nuqqasijiet ohra mputabbli lis-socjeta’ konvenuta;

Peress illi s-socjeta’ konvenuta giet debitament interpellata biex tersaq ghal-likwidazzjoni u l-hlas tad-danni kollha sofferti mill-attur, u dan anke permezz ta’ ittra nterpellatorja datata 2 ta’ Lulju, 1998 u ittra ufficjali datata Lulju 1998 izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza;

Tghid ghalhekk is-socjeta’ konvenuta ghaliex m’ghandhiex din l-Onorabbli Qorti:-

1. Tiddikjara illi l-incident li sehh fuq il-post tax-xoghol fit-28 ta’ Awissu, 1997 f’liema incident l-attur sofra danni fuq il-persuna tieghu, sehh minhabba negligenza, nuqqas ta’ harsien tar-regolamenti, inkluz dawk rigwardanti s-sahha u s-sigurta’ tal-haddiema fuq il-post tax-xoghol, u nuqqasijiet ohra mputabbli lis-socjeta’ konvenuta;

2. Tillikwida d-danni sofferti kollha mill-attur, okkorrendo bl-opera ta’ perit nominandi; u

3. Tikkundanna lis-socjeta’ konvenuta biex thallas lill-attur dik is-somma kif likwidata.

Bl-ispejjez kollha, inkluz dawk tal-ittra nterpellatorja datata 2 ta’ Lulju, 1998, tal-ittra ufficjali datata Lulju 1998 u bl-ispejjez extra-gudizzjarji fis-somma ta’ Lm50 u bl-imghax

legali sad-data tal-pagament effettiv kontra s-socjeta' konvenuta ngunta minn issa ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur a fol. 3 tal-process;

Rat in-**nota ta' l-eccezzjonijiet tas-socjeta' konvenuta a fol. 9 tal-process fejn eccepiet:**

1. Illi l-eccipjenti ma hijiex responsabbli ghall-incident mertu ta' din il-kawza u ghalhekk it-talbiet attrici kif dedotti fil-konfront tas-socjeta' konvenuta ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess attur.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat id-digriet taghha a fol. 32 li biha gie nominat Dr. C. Grixti;

Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezibiti;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

Rat in-noti ta' sottomissjonijiet;

Rat il-verbal a fol. 63 fejn il-partijiet qablu li l-Qorti ghandha l-ewwel tiddeciedi r-responsabilita' ghall-incident.

## FATTI U KONTESTAZZJONI

L-attur kien impjegat bhala *labourer* mas-socjeta' konvenuta u xogholu kien li jhawweg il-hadid permezz ta' magna. Kien sehh incident meta hu kien qed jahdem fuq din il-magna. Din kellha forma ta' tlett roti (ara ritratt SZ3) fil-parti ta' fuq u pedala isfel (SZ1) u tahdem billi jiddahhal il-vireg tal-hadid fil-parti ta' fuq u tinghafas il-pedala sabiex iduru mar-roti u b'hekk il-hadid johrog mghawweg. L-incident sehh meta l-attur dahhal wahda minn dawn il-vireg tal-hadid u kien qed jaghfas il-pedala sabiex iduru r-roti izda fil-mument li telaq il-pedala biex ir-roti jieqfu, il-pedala wehlet u r-roti baqghu jduru xorta wahda b'mod li nqabdet l-ingwanta ta' jdejh ix-xellugija fir-roti u baqghet

diehla cjoe inqabdet f'dawn ir-roti. Dak il-hin hu ma hassx ugiegh izda wara storda u haduh l-isptar fejn sabu li kellu subghajh il-kbir maqtugh u l-ghadam ta' subghajh l-ohra miksura.

L-attur qed jirritjeni li l-incident gara ghax il-pedala wehlet u allura r-roti baqghu jduru u ghax l-ingwanti li pprovdietlu s-socjeta' konvenuta kienu kbar wisq u kienu mqattghin u ghalhekk inqabdu fir-roti.

Da parti tas-socjeta' konvenuta ma kien hemm hadd li ra l-incident isir. Huma qed jikkontendu li l-magna kienet tiffunzjona tajjeb izda l-attur kien qed juza l-magna hazin.

Mario Camilleri, il-*foreman* xehed li l-magna kien fiha *safety features* biex jigu evitati ncidenti. Fil-fatt biex tahdem il-magna trid tghafas il-pedala ma' l-art u jekk tnehhi saqajk il-magna awtomatikament tieqaf. Hemm ukoll *push button* (SZ 5 u 6) biex jekk tinqala' xi emergenza taghfasha u l-magna tieqaf. Huma wkoll kienu jipprovdu *safety shoes*, *helmet* u ngwanti (godda mhux mqattghin) izda tahrig fuq *safety* ma jaghtuhomx. Il-magna kien fiha ukoll *guard* u ghadha hemm sallum. Meta mar fuq il-post wara l-incident il-*guard* kienet miftuha. Il-*guard* qeda mwahhla pero' tista ttellahha u tinfetah. Jekk tgholli l-*guard* il-magna mhux necessarjament tieqaf. Hu qatt ma qal lill haddiema biex ma juzawx il-*guard*.

Anthony Polidano, *plant's manager* mas-socjeta' konvenuta xehed li l-magna ghandha *guard* li tghatti kompletament il-parti ta' fuq tal-magna hlief ghal *opening* li hemm fil-genb minn fejn tidhol il-virga. Minn dina l-*opening* idejn bniedem ma tidholx. Ghalhekk biex l-attur wegga hu gholla dina l-*guard* ghaliex kif qal hu jdejh qabditlu mar-roti.

**LIGI**

Jigi relevat li a termini tal-Att biex jippromwovi s-Sahha u s-Sigurta' fuq il-Post tax-Xoghol - Att Numru VII ta' l-1994, Kap 367,

**fl-artikolu 3 (2)** tal-istess jinghad li:-

*"Illi huwa dmir ta' min ihaddem lil xi persuna ohra li jizgura li l-post fejn isir ix-xoghol ikun hieles minn sogri bla bzonn ghas-sahha u minn perikli li jistghu jigu evitati ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema".*

***Art.3 (3)*** *"Huwa dmir ukoll ta' min ihaddem li jizgura illi kull process ta' xoghol imqabbad minnu jkun hieles minn kull sogru bla bzonn ghas-sahha u minn kull perikolu li jista' jigi evitat ghall-inkolumita' fizika u psikologika tal-haddiema mpjegati minnu u ta' haddiema impjegati minn xi persuna li lilha jkun qabbad xi xoghol, sew jekk tkun persuna li timpjega lilha nifisha, kuntrattur jew sub-kuntrattur".*

**L-artikolu 9** ta' l-istess Kap jelenka x'inhuma d-doveri ta' min jimpjega.

Ara l-applikazzjoni ta' dawn il-principji fil-kawzi "Calleja vs Fino" deciza mill P.A. fl-10 ta' Ottubru, 1980; "Borg vs Wells et" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Kummerc fid-9 ta' Settembru, 1981; "Grech vs Ellul", deciza mill- P.A. fis-27 ta' Gunju, 1996; John Sultana vs Francis Spiteri et noe PA GC 28/5/79; Gordon Spiteri vs Waste Control Services Ltd PA RCP 25/1/2000; P.A. TM Farrugia vs Malta Investment 9/10/03.

Fil-kawza "Grech vs Farrugia" deciza mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fis-7 ta' Dicembru, 1994, intqal li:

*"Il-makkinarju ghandu jkun imhares b'mod illi ma jirrekax hsara lil min qed jahdem fuqu, jew qed jadoperah anke meta dan ma jkunx qed jahdem fuqu, jew juza dak il-makkinarju minghajr dik l-attenzjoni u prudenza li wiehed jistenna bhala normalita' u dan biex jahgmel tajjeb ghal dik l-aljenazzjoni tal-attenzjoni, prudenza u ghaqal li jsofri haddiem industrijali, propju ghaliex dik l-aljenazjoni tkun,*

*fil-maggoranza tal-kazijiet, indotta mill-istess natura tal-attivita' industrijali*." (ara ukoll Kum Agius vs Galea 11/7/89).

Fis-sentenza riportata fil-Vol XL1 p4 l 1457 il-Qorti kienet iddecidiet li magna li jkun fiha *transmission machinery* jrid ikollha ripar tajjeb, *securely fenced*. Huwa guridikament irrelevanti jekk ir-ripar ikunx kummercjalment prattikabbli jew ikunx mekkanikament impossibbli, billi r-regolamenti implicitament jipprojbixxu l-uzu ta' makkinarju minghajr ripar (Factories Ordinances kif gew salvati bl-artikolu 19 tal Att V11 tan 1994).

**KONSIDERAZZJONIJIET**

**RESPONSABILITA'**

**ATTUR**

F'dan il-kaz l-attur naqas billi huwa kien qed juza l-magna in kwistjoni meta dina kienet qed tigi operata minghajr il-*moveable guard* li bih kienet attrezzata l-magna. Dan il-*guard* kien intiz biex jipprotegi lill utent milli jdejh jigu maqbuda fit-tidwir tar-roti u l-iskop tal-*guard* kien biex jigu evitati ncidenti li jistghu jigru b'aljenazzjoni ta' l-utent.

Ma jirrizultax mill-provi min kien gholla dina l-*guard* waqt li kienet qed tigi uzata mill-attur. L-attur isemmi li kemm il-*foreman* kif ukoll haddiema ohra kienu juzaw l-magna minghajr il-*guard*, izda jibqa' l-fatt li anke l-attur uza l-magna minghajr *guard* ghalkemm ma kien hemm xejn x'izommu milli jnizzel il-*guard* ghall protezzjoni.

L-attur isemmi li l-incident gara ghax wehlet il-pedala u ghalhekk ir-roti baqghu ghaddejin. L-attur ma jaghtix spjegazzjoni kif wehlet il-pedala. Hu semma zrar u ilma li dahal fil-fabbrika izda dawn baqghu biss allegazzjonijiet mhux pruvati. Imma anke kieku verament wehlet il-pedala, l-attur ma kellux ghal fejn ikollu idejh fuq ir-roti billi l-virga tidhol mill-gemb tal-magna mill-*opening* u li kieku kien

hemm il-*guard*, idu ma kienitx titmess. Din l-*opening* ma kienitx bizzejjed biex tidhol id ta' bniedem (Xhieda ta' Anthony Polidano). Inoltre l-magna kellha wkoll *switch* ta' l-emergenza ghal dik l-eventwalita' cjoe biex twaqqaf il-magna.

L-attur semma ukoll bhala raguni ghall l-incident li huwa inghata ingwanti li kienu *size* wiehed, kbar, u kienu imqattghin. Dan gie michud mix-xhieda prodotti mis-socejta' konvenuta, izda anke kieku l-iskop ta' l-ingwanti kien biex jilqa' mill-iskald tal-hadid u mhux mir-roti tal-magna. Fil-fatt anke bl-ingwanti l-incident gara u inqatalu subghajh.

Il-magna kienet attrezzata *b'guard* biex tipprovvdi l-aktar sikurezza possibbli fic-cirkostanzi u l-attur kellu l-obbligu li jara li dina tibqa' attrezzata b'dan il-mod.

**KONVENUTI**

Il-konvenuti naqsu wkoll billi huma hallew lill attur jahdem f'post tax-xoghol li ma kienx sufficjentement protett. L-ewwel nett il-Qorti ssib li l-konvenuti naqsu meta huma ma rrappurtawx dana l-incident lid-direttur tax-xoghol biex dana seta' jiehu passi u jaghmel l-investigazzjoni necessarja u jaccertaw jekk kienx hemm xi difett fil-magna li kien qed jopera l-attur jew xi hsara fil-pedala. Inoltre huma ppermettew tramite il-*foreman* taghhom li haddiem minn taghhom jahdem fuq magna li ma kienitx sufficjentement protetta, cjoe li kienet qed tintuza b'dan il-mod mill-attur. Jirrizulta li haddiema ohra mpjegati mas-socjeta' konvenuta u anke l-*foreman* kienu qed jahdmu b'dan il mod ukoll. Il-magna ghalhekk kienet qed tintuza b'mod li kien kontra s-*safety regulations* u anke kontra d-dettami tal-prudenza rikjesta min kull persuna li ma thallix oggetti ghall-uzu b'mod li jkunu perikoluzi, minghajr certi *safeguards* li huma maghrufin minn kull "*bonus pater familias*".

Ghalhekk il-Qorti tikkonkludi u tiddikjara li r-responsabilita' ghall-incident hija nofs ta' l-attur u nofs tal-konvenuti.

**DECIZJONI**

Ghal dawn il-motivi
il-Qorti tiddeciedi fuq l-ewwel talba
billi tiddikjara li r-responsabilita' ghall-incident hija nofs ta' l-attur u nofs tal-konvenuti.

Tiddifferixxi l-kawza ghall kontinwazzjoni tal-provi fuq id-danni.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------